Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru:1519/00

Vodafone Malta Limited

Vs

Martin James

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn u disghin liri Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm492.99) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-10 ta' Mejju 1999 sal-10 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Bil-konvenut minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija tnejn u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm492.99) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz .

Bl-imghax legali b'effett mill-31 ta' Ottubru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg